**Talbiet**

— tiddikjara l-azzjoni tar-rikorrent ammissibbli u fondata;

— konsegwentement, tikkundanna lill-Unjoni Ewropea biex tikkumpensa d-dannu kollu sostnut mir-rikorrent fl-ammont li l-Qorti Ġenerali għandha tiffissa b'mod ekwu;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv uniku bbażat fuq il-fatt li r-rikorrent sostna dannu morali, li ppreġudika r-reputazzjoni tiegħu, u li huwa f'rabta kawżali diretta mal-miżuri meħuda mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u li r-responsabbiltà tagħhom hija ta' din tal-aħħar.

---

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2015 – BBY Solutions vs UASI – Worldwide Sales Corporation España (BEST BUY GEEK SQUAD)**

**(Kawża T-715/15)**

(2016/C 059/40)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* BBY Solutions, Inc. (Minneapolis, l-Istati Uniti) (rappreżentant: A. Poulter, Solicitor)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Worldwide Sales Corporation España, SL (Sant Vicenç dels Horts, Spanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant għat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrent

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "BEST BUY GEEK SQUAD" – Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 6 064 001

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tt-23 ta' Settembru 2015, fil-Każijiet magħquda R 517/2015-2 u R 437/2015-2

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn laqgħet l-oppożizzjoni;

— tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, tat-22 ta' Diċembru 2014, fl-oppożizzjoni Nru B 1354630 sa fejn laqgħet l-oppożizzjoni;

— tilqa’ l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 6 064 001;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tiegħu u għal dawk sostnuti mir-rikorrenti.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fit-30 ta’ Novembru 2015 – Gallardo Blanco vs UASI – Expasa Agricultura y Ganadería (Rappreżentazzjoni tal-ħadida ta’ flett tal-brilja ta’ żiemel fil-forma ta’ H)

**(Kawża T-716/15)**

(2016/C 059/41)

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Juan Gallardo Blanco (Los Barrios, Spanja) (rappreżentant: E. Estella Garbayo, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Expasa Agricultura y Ganadería, SA (Jerez de la Frontera, Spanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant:* ir-rikorrent

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja figurattiva (Rappreżentazzjoni tal-ħadida ta’ flett tal-brilja ta’ żiemel fil-forma ta’ H) – Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni Nru 10 424 323

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tad-29 ta’ Settembru 2015 fil-Każ R 1502/2014-2

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tad-29 ta’ Settembru 2015.

— tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-UASI tal-14 ta’ April 2014.

— tbiddel id-deċiżjonijiet preċedenti billi tilqa’ għal kollox l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta’ trade mark Komunitarja Nru 10 424 323.

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż ta’ din il-kawża, kif ukoll għall-proċedimenti ta’ oppożizzjoni u ta’ appell quddiem l-UASI.

**Motiv invokat**

Ksur tal-Artikolu 4, tal-Artikolu 8(1)(b) u tal-Artikolu 42(2) tar-Regolament Nru 207/2009.

---